MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 219/2007/1

**Dr. Michael Falzon**

**vs**

**Il-Perit Michael Falzon u/jew Saviour Balzan fil-kapacita` tieghu bhala l-Editur tal-“Maltatoday”**

**Il-Qorti,**

Fl-4 ta’ Mejju, 2010, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**Il-Qorti,
>
> Rat ir-rikors datat iz-17 ta’ Lulju, 2007, li permezz tieghu r-rikorrent sejjah lill-intimati quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m’ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi jhallsuh kull wiehed jew min minnhom, is-somma ta’ mhux izjed minn hamest elef Lira Maltin, (Lm 5,000.00), bhala danni ai termini ta’ l-Artikolu 28 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan, stante illi b’artiklu ppubblikat fil-gurnal “*Maltatoday*” ta’ nhar it-13 ta’ Mejju, 2007, intitolat “*Policing one’s enemies*”, (Dok.‘MF1’), huma, jew min minnhom, immalafamaw lir-rikorrenti bil-ghan car li jtellfulu jew inaqqsulu r-reputazzjoni tieghu;

2. Bl-ispejjes, u bl-intimati ngunt ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta tal-intimat Perit Michael Falzon datata z-17 t’Awwissu, 2007, li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

1. Illi preliminarjament in-nullita` tar-rikors promotur stante illi mhuwiex identifikabbli min huwa l-intimat fil-kawza odjerna u dana peress illi r-rikorrent ma identifikax ezattament lil min mill-intimati qieghed ifittex meta huwa harrek “u/jew” u, in ogni kaz, l-esponenti mhuwiex l-editur tal-“*Maltatoday*”;

2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-intempestivita` tal-kawza odjerna stante illi l-esponenti ma giex interpellat, la bonarjament u lanqas ufficjalment, qabel ma gietipprezentata l-kawza odjerna;

3. Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-pubblikazzjoni *de quo* mhix libelluza u/jew malafamanti fil-konfront tar-rikorrent u dana, stante:

i. illi fl-ewwel lok, il-pubblikazzjoni *de quo* tikkonsisti f’fatti sostanzjalment korretti liema fatti gew imxandra u mistqarra pubblikament mill-istess attur, id-Deputat Mexxej tal-Partit Laburista Dottor Michael Falzon, fil-jiem ta’ qabel il-pubblikazzjoni *de quo*;

ii. illi inoltre, fit-tieni lok, il-pubblikazzjoni *de quo* tikkonsisti f'‘*fair comment'* u espressjoni ta' opinjoni jew ‘*value-judgement'* fuq l-istess fatti li l-esponenti huwa ntitolat jaghmel taht il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropeja Dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem u skont il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja Dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem;

4. Illi fil-mertu wkoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-pubblikazzjoni *de quo* mhijiex libelluza stante wkoll illi l-attur, bhala persuna li jokkupa kariga pubblika huwa tenut illi jirrikonoxxi kritika, sahansitra harxa, ta' l-operat tieghu u dana kif stabbilit minn gurisprudenza *ormai* pacifika;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

6. Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tar-rikorrent in subizzjoni;

Rat ukoll ir-risposta tal-intimat l-iehor Saviour Balzan fil-kwalita` tieghu ta' editur tal-gazzetta “*Maltatoday*”, datata t-8 t'Ottubru, 2007, li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

1. Illi preliminarjament ir-rikorrenti jrid jiddikjara liema parti tal-artikolu huwa malafamanti fil-konfront tieghu;

2. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost ma hemm xejn falz jew malafamanti fil-artikolu in kwistjoni;

3. Minghajr pregudizzju ghal fuq espost, l-intimat jiddikjara li b'difiza tieghu huwa jrid jipprova li l-artikolu huwa “*a fair comment*” f'socjeta` demokratika u huwa bhala editur ghamel id-dover tieghu;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Ezaminat is-sottomissjoni skritta tar-rikorrenti Dr. Michael Falzon li pprezenta s-sottomissjoni skritta tieghu a tenur tal-verbal datat is-26 ta' Jannar, 2010, fejn il-partijiet kollha nvoluti talbu li t-trattazzjoni tal-procedura odjerna ssir bil-miktub, (ara fol 90-91);

Tirrileva illi nonostante din il-koncessjoni, l-intimati naqsu li jaghmlu s-sottomissjonijiet skritti taghhom kif minnhom stess rikjest fit-termini lilhom bi ftehim, moghti;

Tirrilleva wkoll li l-intimati ghazlu li jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom wara d-data mifthema bejn il-partijiet u l-qorti, u peress li dan ma sarx wara decizjoni appozita fejn iggustifikaw dan skont il-ligi, l-istess sottomissjonijiet gew sfilzati;

Illi tenut kont tas-suespost, din il-qorti issa hi xorta wahda f'posizzjoni li tipprocedi bl-epilogu ta' din il-procedura skont il-ligi;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi r-rikorrenti hassu malafamat bl-artikolu ntitolat "Policing one's enemies", ippubblikat fil-gazzetta "*Maltatoday*" fil-harga taghha tal-Hadd, 13 ta' Mejju, 2007, pagna 17, billi l-istess rikorrent isostni li l-ghan tal-istess artikolu kien dak li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tieghu;

2. Illi dan l-artikolu kien miktub mill-intimat Michael Falzon u gie ppubblikat fil-gazzetta fuq indikata li ghandha lill-intimat l-iehor Saviour Balzan bhala editur;

3. Illi r-rikorrenti hassu hekk malafamat ghas-segwenti ragunijiet:

i. Illi dan jidher mit-titolu tal-artikolu nnifshu stante li minnhu qarrej normali mill-ewwel jiehu l-impressjoni li l-pulizija lokali qed tigi uzata u manipulata mill-istess rikorrent biex taghmel xi hsara lil xi hadd, u li dan l-iskop li fuqu ffoka l-awtur intimat hu wkoll imsahhah mill-ewwel paragrafu tal-istess artikolu li jiffoka immedjatament sa mill-introduzzjoni tieghu fuq il-korp famigerat tal-pulizija tal-Germanja tal-Lvant, komunement maghrufa bhala **Stasi**;

ii. Illi wara li l-awtur jistqarr il-fehma tieghu li sa fejn jaf hu l-korp tal-pulizija qieghed hemm biss biex jassigura li l-pubbliku jobdi l-ligi; jipprotegi kemm lill-pubbliku u lill-proprjeta`; u finalment, jarresta lill-kriminali – skopijiet lodevoli li huma zgur kondivisi minn nies ta’ *buona fede* – l-awtur de quo, f’ezercizzju manipulattiv fir-retoriku, jkompli biex jekwipara dan il-korp notorju famigerat riferit fil-paragrafu precedenti mal-agir allegatament manipulattiv tar-rikorrent fejn jallega li b’mod subdolu uza l-korp tal-pulizija lokali biex jikkontrolla l-libertajiet basici ta’ xi persuni li waqghu taht il-mira tieghu u dan, meta l-intimat Falzon jistqarr li hassu inkwetat bil-facilita’ li biha r-rikorrent **ipperswada** lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jinvestiga s-sors ta’ *e-mail* **anonima** u **trivjali** li rcieva;

iii. Illi l-insinwazzjoni li l-imsemmi Kummissarju hu xi pupazz manipulat mir-rikorrent hi msahha mill-allegazzjoni tal-awtur intimat li l-istess Kummissarju u r-rikorrent huma xi hbieb intimi u familjari ghal xulxin u li minhabba din il-

familjarita` zejda bejniethom, l-istess Kummissarju kien lest jiddiskrimina fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni ufficjali tieghu biex jaqdi lill-istess rikorrent;

iv. Illi f'ezercizzju ulterjuri tar-retorika manipolattiva l-istess awtur intimat ikompli billi jindika istanzi fejn ir-rikorrent allegatament gia` ezercita l-influenza tieghu fuq il-Korp, (din id-darba), tal-Pulizija, biex johnoq u jikkontrolla l-libertajiet ta' cittadini privati, li nonostante li huma cittadini li jobdu l-ligi, huma pero` suspettati li huma ghedewwa politici tar-rikorrent; u b'hekk, anke l-istess membri tal-imsemmi korp abbuzaw mill-poteri li huma jista' jkollhom biex jaghtu vantagg lir-rikorrent u lil xi fazzjoni minnhu kapeggjata fi hdan il-partit Laburista;

v. Illi addirittura, anke l-efficjenza li biha l-Kummissarju seta' mexxa l-kwerela in dizamina tar-rikorrent giet interpretata b'mod li din sehhet biss ghaliex ir-rikorrent dak iz-zmien kien Deputat Mexxej tal-partit tieghu u mhux ghaliex is-sitwazzjoni kreata kienet timmerita tali procedura;

vi. Illi in vista ta' dan, l-artikolista intimat ikkonkluda li allura fil-partit tar-rikorrent hemm persuni kapaci jinfluenzaw lill-Korp tal-Pulizija u li addirittura bil-logika u bir-retorika tal-intimat, Falzon, dan jasal ghal konkluzjoni li la dan qieghed jigri meta dan il-partit qieghed fl-opposizzjoni, x'ser jigri meta dan il-partit ikun fil-gvern?

vii. Illi finalment l-artikolist intimat jikkonkludi li tenut kont tas-suespost, ir-rikorrent ghandu aktar influenza fuq il-Korp tal-Pulizija mid-Deputat Prim' Ministru li dak iz-zmien kien politikament responsabbli ghall-istess korp, u li allura dan tal-ahhar ghandu addirittura jistitwixxi bord t'inkjesta li tkun moghtija l-aktar sahha possibbli biex issib tarf din il-'farsa' allegata mill-imsemmi awtur intimat – rikjesta li z-zmien wera li

giet totalment injorata kemm mid-Deputat Prim' Ministru nvolut, kemm mis-successur tieghu fid-dikasteru in dizamina;

4. Illi ghaldaqstant, ir-rikorrent irrikorra ghall-protezzjoni koncessa lilhu mill-Ligi tal-Istampa;

Ikkunsidrat:

Illi l-posizzjoni kif esposta mill-intimati tista' tigi sintetikament elenkata bil-mod segwenti:

A. Ghar-Rigward tal-Awtur Intimat:

1. In-nullita` tar-rikors promotur stante li l-intimat lanjat hu indeterminat;

2. L-intempestivita` tal-azzjoni ghaliex l-awtur intimat ma kienx preventivament interpellat qabel ma giet intavolata l-procedura odjerna;

3. L-artikolu mhux libelluz jew malafamanti fil-konfront tar-rikorrent, stante li l-fatti allegati huma sostanzjalment korretti;

4. L-artikolu jikkonsisti f'kumment gust, u f'analizi valutattiva tal-operat tar-rikorrent;

5. La r-rikorrent hu persuna li jokkupa kariga pubblika allura "huwa tenut illli jirrikonoxxi kritika, sahansitra harxa, tal-operat tieghu";

B. Ghar-Rigward tal-Editur Intimat:

1. Ir-rikorrent ghandu jindika liema parti tal-artikolu hi malafamanti;

2. Li l-artikolu m'ghandu xejn li hu falz jew malafamanti;

3. Li l-artikolu jikkonsisti f'kumment gust kif rikonoxxut f'socjeta` demokratika;

Ikkunsidrat:

Illi fid-deposizzjoni tieghu l-Kummissarju nvolut jitfa' dawl fuq l-operat in dizamina, u dan jista' jigi sintetikament elenkat bil-mod segwenti:

1. Illi jinnega minghajr rizervi li r-rikorrent b'xi mod ipperswadieh jew influenzah biex jaghmel ix-xoghol tieghu ta' pulizija f'dan il-kaz;

2. Illi skont l-istess interlokutur, dak li sehh ghandu din is-sekwenza:

i. Illi jenfasizza li kien ir-rikorret li talab u ottjena b'mod normali appuntament biex ikellem lill-Kummissarju;

ii. Illi meta r-rikorrent iltaqgha mal-Kummissarju urieh ittra li l-istess Kummissarju jiddeskrivi bhala "ittra ingurjuza u mimlija theddid" fil-konfront tal-istess kwerelant; (ara fol 25);

iii. Illi konsegwentement l-istess kwerelant talab lill-Kummissarju biex jinvestiga l-kontenut;

iv. Illi di piu` isostni li l-kwerelant informah ukoll li kien ircieva xi *e-mail*, u li allura l-Kummissarju talbu biex jghaddijielu, kif fil-fatt sar xi jiem wara;

v. Illi l-Kummissarju jsostni wkoll li d-dokumentazzjoni li rcieva minghand il-kwerelant ghaddihom lis-subalterni tieghu fis-C.I.D. ghall-aktar investigazzjoni approfondita;

vi. Illi qabel ma ntemmet din il-laqgha partikolari bejn ir-rikorrent odjern u l-Kummissarju in dizamina, jidher li l-Kummissarju staqsa wkoll lill-kwerelant, ir-rikorrent odjern "… jekk kienx bi hsiebu jipprocedi fil-konfront tal-persuna li jirrizultalna … peress illi dan hu tip ta' reat fejn il-ligi titlob kunsens tal-parti ngurjata…", (ara fol 26);

vii. Illi l-istess Kummissarju jsostni wkoll li din kienet l-uniku laqgha bejniethom fir-rigward, u li hu ma kienx aktar involut personalment fl-indagini sussegwenti kondotta mill-pulizija;

viii. Illi finalment l-istess Kummissarju tal-Pulizija jsostni wkoll li lil dan il-kaz ma tah l-ebda prijorita` zejda;

Ikkunsidrat:

Illi d-difiza tal-intimati tista' tigi konguntement indikata li tippernja fuq is-segwenti sintesi – imsejjes kif inhu anke mill-istatuti tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali u mid-dutrina tal-Qorti Ewropea riferita mill-intimat Falzon:

1. In-nullita` tal-azzjoni ghaliex ir-rikorrenti m'indikax min mill-intimati mmalafamah;

2. L-intempestivita` tal-azzjoni ghaliex ir-rikorrenti ma nterpellax lill-intimati qabel ma ntavola l-procedura odjerna;

3. Illi fil-meritu l-artikolu in dizamina ma fih xejn li hu falz jew malafamanti ghaliex essenzjalment jipproduci fatti sostanzjalment korretti u hu principalment kompost minn kummenti gusti u analizi valutattiva tal-operat tar-rikorrenti;

4. Illi la r-rikorrenti hu persuna pubblika, allura ghandu jirrikonoxxi kull kritika li tinghad fil-konfront tieghu – anke jekk, harxa;

Ikkunsidrat:

A. In-Nullita` tal-Azzjoni Odjerna:

1. Illi rigward din il-lanjanza tal-intimat ghandu jinghad li meta ttiehded id-decizjoni statutorja li l-proceduri odjerni jibdew jigu ntavolati fil-Qorti tal-Magistrati, tali decizjoni kellha l-konsegwenza li tiffacilita l-procedura billi tnaqqas konsiderevolment il-pedanticita` precedentement rikjesta meta dawn il-kawzi kienu jaqghu taht gurisdizzjoni differenti;

2. Illi kull ma hu issa rikjest hu sempliciment talba preciza – f'dan il-kaz, dik rikjesta taht l-artikolu 28 (1) tal-Kap. 248, biex il-lanjanza tieghu tigi investigata formalment fil-procedura in dizamina;

3. Illi ghalhekk, rikorrent hu issa ezonorat milli jindika b'mod precedentement skritt, f'certu dettall, u inutilment ripetut bil-gurament, kif kien rikjest qabel giet adottata din il-procedura odjerna fl-1996;

4. Illi l-fatti kollha li fuqhom tippernja l-procedura in dizamina jigu issa zvelati in faciem curiae fejn l-istess intimat ikollu l-opportunita` jirribadixxi l-allegazzjonijiet sollevati kontra tieghu bl-istess mod biex b'hekk ma jkunx pregudikat fid-drittijiet tieghu fir-rigward;

5. Illi ghaldaqstant, din l-eccezzjoni tal-intimat Falzon qed tigi respinta;

B. L-Intempesivita` tal-Azzjoni Odjerna:

1. Illi rigward din il-lanjanza tal-intimat Falzon ghandu sintetikament jigi ribadit is-segwenti:

i. Illi hu erroneu li l-intimat jippretendi li l-ewwel jimmalafama lill-terzi u wara jpoggi ruhu f’posizzjoni li jaghti l-opportunita` lill-malafamat li jirribadixxi l-kontenut malafamanti;

2. Illi xejn m’hu aktar il-boghod minn hekk;

3. Illi dak li tippretendi l-Ligi dwar l-Istampa hu l-ewwel nett li hadd m’ghandu jkollu r-reputazzjoni tieghu mgarrfa minn artikolu malafamanti u mhux li l-ewwel jinkiteb tali artikolu, u wara, jigi koncess lill-malafamat li jiddefendi r-reputazzjoni mxellfa tieghu;

4. Illi kieku ghall-grazzja tal-argument jigi koncess dan allura min jikteb artikolu malafamanti jitqieghed addirittura fil-posizzjoni ta’ arbitru biex jiggudika hu wkoll lill-malafamat meta dan ikun qed jiddefendi r-reputazzjoni tieghu;

5. Illi kieku kellu jigi koncess dan issir travestija tal-gustizzja stante li min jimmalafama lill-terzi jitpogga f’posizzjoni li jiggudika lill-istess malafamat;

6. Illi in effetti, l-ligi in dizamina ma ssostnix dak hawn allegat mill-intimat Falzon u ghalhekk din l-eccezzjoni wkoll qed tigi respinta;

C. Il-Personalita` Pubblika tar-Rikorrent:

1. Illi f’dan ir-rigward issir referenza ghall-“*Lingens vs Austria (1986)”; Obershlick vs Austria (1) (1991)”* u “*Obershlick vs Austria (11) (1997)”*, fejn il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem iddekretat favur it-tezi tal-intimat Falzon billi f’kaz ta’ persuna pubblika:

*“The limits of acceptable criticism are accordingly wider …”* il-politiku *“… inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his every*

*word and deed by both journalists and the public at large"*;

2. Illi pero` ghandu jigi wkoll sottolineat is-segwenti:

*"Article 10 paragraph 2"*, (tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem), *"enables the reputation of others … to be protected, and this protection extends to politicians too … but in such cases the requirements of such protection have to be weighed in relation to the interests of open discussion of political issues"*;

3. Illi ghahekk ghandu jinghad li nonostante li l-persuna fil-mira t'artikolist tinzerta li tkun fil-politika, u nonostante li allura l-iskrutinju ta' eghmil il-politikanti jimmerita li jkun wiehed pjuttost robust u approfondit, xorta wahda jibqa' l-fatt li dawn ukoll huma persuni li jimmeritaw tali protezzjoni ndikata fil-paragrafu precedenti;

D. Il-Meritu tal-Kaz Odjern:

1. Illi in sintesi r-rikorrent hassu malafamat mill-artikolu in dizamina tal-intimat artikolist Falzon ghas-segwenti ragunijiet:

i. Illi minhabba l-posizzjoni li hu kien jokkupa fil-partit tieghu fiz-zmien in dizamina hu immanipula lill-Kummissarju tal-Pulizija biex dan jaghmel dak li ried minnhu r-rikorrent;

ii. Illi dan seta' jsir ghaliex ir-rikorrent u l-istess Kummissarju huma hbieb intimi u familjari ma xulxin;

iii. Illi l-pulizija lokali giet paragunata ma l-Istasi – korp ta' notorjeta` immani;

iv. Illi ghalhekk kien verament facli ghall-Kummissarju in dizamina li jiddiskrimina illegittimament fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tieghu;

v. Illi konsegwentement sahansitra iffavorixxa fazzjoni partikolari tal-partit politiku tar-rikorrent;

vi. Illi tali agir jimmerita investigazzjoni mill-ministru responsabbli;

2. Illi d-difiza tal-intimati Falzon u Balzan tippernja fuq l-allegazzjoni taghhom li l-artikolu de quo jikkonsisti:

i. f'kummenti gusti;

ii. f'analisi valutattiva tal-operat in dizamina;

3. Illi pero` ghandu jigi ribadit li l-intimati odjerni ma ipprovawx li l-allegazzjonijiet kontenuti fl-istess artikolu kienu riflessjoni sostanzjali tal-fatti li sehhew;

4. Illi ma jirrizultax assodat fil-grad mitlub mill-ligi li r-rikorrent immanipola lill-Kummissarju de quo, jew li dan tal-ahhar sofra xi pressjoni tali li impedietu fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tieghu;

5. Illi li jirrizulta minflok hu li l-istess Kummissarju ezercita` d-diskrezzjoni legittima tieghu li jisma' lir-rikorrent, jigbor xi dokumenti preliminari u li jaghti struzzjonijiet lis-subalterni tieghu biex jinvestigaw l-allegazzjonijiet;

6. Illi l-bixra negattiva tas-suespost, kif moghtija mill-intimat fl-artikolu tieghu in dizamina la tirrizulta mix-xhieda mismugha u lanqas giet indikata b'evidenza indipendenti migjuba fl-istess artikolu de quo;

7.Illi ghandu jkun ovvju li l-**kumment** ma jammontax u qatt ma jista' jammonta ghall-**fatt**;

8.Illi kif irriteniet il-Qorti tal-Appelli *f'Sammut vs Caruana Galizia et*, datata d-9 ta' Jannar, 2008:

"Il-ligijiet jaffermaw b'rilevanza t-tutela tal-persuna, kemm bhala singolu, kif ukoll bhala komponenti fil-formazzjoni socjali u professjonali li fih jesplika l-personalita` tieghu. Din it-tutela b'fundament Kostituzzjonali u Konvenzjonali, hi diretta ghall-harsien unitarju ta' l-immagini, l-isem, l-unur u r-reputazzjoni tal-persuna. Pari passu ma' din it-tutela hemm, imbaghad, id-dritt ta' l-espressjoni libera li hu wkoll fundamentali";

9. Illi pero` kif tajjeb ammoniet l-istess qorti superjuri fuq indikata, l-ezercizzju ta' dan l-ahhar dritt, (ta' l-espressjoni), m'ghandux jitqies bhala xi brevet biex wiehed jikteb li jrid fuq dak li jkun u f'dan is-sens, a skans ta' ripetizzjoni inutili, issir referenza ghall-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana fis-sentenza taghha datata t-13 ta' Frar, 2007, citata fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell indikata fil-paragrafu precedenti li stabbiliet il-kundizzjonijiet essenzjali rikjesti fl-ezercizzju tad-dritt tal-vera liberta` tal-istampa;

10. Illi ghalhekk, dawn l-eccezzjonijiet kif sollevati mill-intimati ma gewx ipprovati u qed jigu respinti;

Ghaldaqstant din il-qorti, tiddikjara li l-allegazzjonijiet esposti fl-artikolu in dizamina intitolat *"Policing one's enemies"* ippubblikat fil-gazzetta *"Maltatoday"* tat-13 ta' Gunju, 2007, li taghha l-intimat Saviour Balzan hu l-editur u li kien miktub mill-intimat l-iehor Michael Falzon, hu malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti Dr. Michael Falzon stante li dan l-artikolu jtellef u jnaqqas ir-reputazzjoni tal-istess rikorrenti u filwaqt li takkolji t-talbiet tal-istess rikorrenti, tirrespingi r-risposti tal-intimati fuq riferiti;

> Rat l-artikolu 28 (1) tal-Kap 248 u biex din il-qorti tkun tista’ tafferma r-rettitudini tal-ezercizzju li permezz tieghu timponi l-quantum dwar it-telf u hsara ta’ tali reputazzjoni, taghmel referenza ghas-segwenti li la bl-ebda mod ma gew ippruvati bhala veri, allura jammontaw ghall-malafama:
>
> 1. Illi r-rikorrenti gie ritenut li minhabba l-kariga li kien jokkupa fil-partit politiku li jimmilita fih hu immanipula lill-Kummissarju tal-Pulizija;
>
> 2. Illi bl-agir tieghu r-rikorrenti zeblah lill-Korp tal-Pulizija billi uzah ghal finijiet personali tieghu;
>
> 3. Illi r-rikorrenti hu xi *deus ex macchina* li minn wara l-kwinti jigbed il-hbula fil-Korp tal-Pulizija biex jilhaq l-ghanijiet tieghu;
>
> U konsegwentement tikkundanna lill-awtur intimat Michael Falzon biex ihallas lir-rikorrenti Dr. Michael Falzon l-ammont ta’ elfejn u hames mitt Ewro, (€2,500.00); u lill-editur intimat Saviour Balzan biex ihallas lir-rikorrenti Dr. Michael Falzon l-ammont ta’ elf Ewro, (€1,000.00), bl-ispejjez ta’ din il-procedura jinqasmu ugwalment bejn l-istess intimati fuq indikati.”

Iz-zewg konvenuti hassewhom aggravati b’din id-decizjoni u, ghaldaqstant, interponew appell minnha lil din il-Qorti. Fil-kaz tal-konvenut il-Perit Michael Falzon l-aggravji tieghu huma artikolati kif gej:-

1. Is-sentenza hi nieqsa ghal kollox mill-istharrig tax-xhieda prodotti mill-konvenuti;

2. L-ewwel Qorti zbaljat kompletament fl-istharrig u d-decizjoni taghha in kwantu qieset biss il-versjoni partiggjana ta’ l-attur u mhux ukoll il-fatti illi gew ippruvati;

3. Il-pubblikazzjoni ma kienetx libelluza in kwantu hi bazata fuq fatti ppruvati bhala veri u tikkonsisti f'*fair comment* u *value judgement* fuq l-istess fatti;

4. L-ewwel Qorti messha accettat illi bhala persuna f'kariga pubblika l-attur kien soggett ghall-kritika, anke harxa, ta' l-operat tieghu;

5. L-ewwel Qorti ma messhiex ordnat l-isfilz tan-nota ta' sottomissjonijiet tieghu;

Koncizament, l-ilmenti tal-konvenut l-iehor Saviour Balzan huma rapprezentati f'din l-ordni:-

1. Il-Qorti tal-Magistrati ma kkunsidratx l-artikolu in kwestjoni u x-xhieda tieghu izda llimitat ruhha ghal dawk ta' l-attur u tal-Kummisarju tal-Pulizija;

2. Ukoll, l-istess Qorti ma ssemmi xejn dwar it-traskrizzjoni tad-diskors li ghamel l-attur u naqset milli tikkonsidra l-gravita tal-fatti in kwestjoni;

3. L-artikolist ghandu kull dritt jikkummenta dwar il-fatti u huwa, bhala editur, ghandu d-dover li jippubblika dak l-artikolu;

Konsiderata l-konvergenza ta' l-aggravji taz-zewg konvenuti l-Qorti jidhrilha li dawn ghandhom jigu konsiderati flimkien, iffissati l-principji generali regolanti kazijiet ta' din ix-xorta, u cjoe li:

1. "L-artikolu ghandu jitqies fl-interezza tieghu, sabiex, konfrontata parti ma' ohra, jigi skrutat il-veru koncett dominanti ta' l-artikolu kollu";

2. "Il-gudikant ghandu jara x'inhu dak li jifhem ragonevolment bl-artikolu l-qarrej ta' intelligenza ordinarja";

Ara d-decizjoni fl-ismijiet “**Onorevoli Wenzu Debrincat -vs- Onorevoli Dr. Carmelo Caruana**”, Appell Kriminali, 15 ta’ Gunju, 1957;

Jibda biex jigi registrat in linea preliminari illi dak li kellu jigi deciz mill-ewwel Qorti kien jikkonsisti sostanzjalment f’dan li gej:-

1. Jekk il-fatti gewx pruvati bhala li jikkorrispondu ghall-verita`;

2. Jekk, anke tenut kont tal-latitudni wiesgha tal-margini ta’ tolleranza fil-konfront ta’ persuna pubblika, il-kumment jew il-kritika kienux hekk leciti di fronte ghall-attur. Dan qieghed jigi sottolinejat in kwantu, ciononostante l-izvilupp dottrinali u gurisprudenzjali favur il-liberta` ta’ l-espressjoni, “kien u ghadu principju tad-dritt illi l-malafama voluta permezz ta’ addebiti ta’ fatti foloz mahsuba biex inaqsu l-gieh u l-fama tal-persuna illi lejha tkun diretta baqghet censurabbli u punibbli fil-ligi” (“**Dr. Alfred Sant M.P. -vs- Arnold Cassola *et***”, Appell, 23 ta’ April, 2001). Dan anke fir-rigward ta’ persuni fil-politika ghaliex ukoll dawn ghandhom id-dritt li jittutelaw il-fama u r-reputazzjoni taghhom meta jigi affermat fil-konfront taghhom fatt inveritjier u li jkun malafamanti. Ara “**Onor. Dr. Gavin Gulia -vs- Dione Borg *et***”, Appell, 7 ta’ Lulju, 2006;

Premessa din il-preliminari, ic-censuri espressi mill-artikolist l-Perit Michael Falzon fil-konfront ta’ l-attur huma skond l-pubblikazzjoni fis-sens infraskritt:-

1. Apparti l-inferenza li jigbed b’paragun mill-metodi tal-pulizija sigrieta (l-iStasi) tal-Germanja tal-Lvant, l-artikolist jitlaq mill-punt illi l-attur uza l-Pulizija “*for the purpose of controlling people’s freedoms*” tipika ta’ stat polizzjesk;

2. L-attur ezercita pressjoni fuq il-Kummissarju tal-Pulizija "*to investigate the source of a trivial and unimportant anonymous e-mail that he had received*";

3. Evidentement minhabba l-familjarita` mal-Kummissarju tal-Pulizija, l-attur "*successfully used the Police Force to control the freedom of an innocent law-abiding citizen whom he suspected could be a political enemy*" u dan ghall-vantagg tal-fazzjoni tieghu "*in the MLP's internal squabbles*";

4. "*The case with which the MLP Deputy Leader phones him up*" (lill-Kummissarju) u avvenimenti ohra huma indikattivi illi "*within Labour there are people who can influence and interfere in decisions taken by the Police Force*";

5. Issokta jigi mistoqsi mill-artikolist "*Does the MLP Deputy Leader who happens to be my namesake carry more weight and influence with the Commissioner of Police than the Deputy Prime Minister who is politically responsible for the Police Force*". F'dan il-kuntest huwa ghadda biex jesprimi l-fehma tieghu illi Tonio Borg imessu jaghmel inkjesta fir-rigward;

Spigolati dawn l-aspetti kif jinzlu mill-pubblikazzjoni intestata "Policing one's enemies", huwa logiku, u anke gust, illi l-espressjonijiet kaptati jitqiesu fl-isfond tal-provi istruttorji l-ohra prodotti:-

(1) L-attur jaccenna ghall-fatt illi bil-pubblikazzjoni l-qarrej inghata x'jifhem illi hu uza u pperswada lill-Pulizija biex jaghmel hsara lil xi hadd, meta hu kull ma ghamel kien li jipprezenta kwerela biex jigi mistharreg e-mails u ittri anonimi li kien irceva. Dan, skond l-attur, kif kellu kull dritt jaghmel bhal kull cittadin ordinarju ghall-protezzjoni tieghu. Ara xhieda tieghu a fol. 15;

(2) Ix-xhud John Rizzo, Kummissarju tal-Pulizija, jizmentixxi illi l-attur b'xi mod ipperswadih jaghmel ix-xoghol tieghu izda talbu jinvestiga l-kontenut ta' ittri

ingurjuzi u mimlija theddid fil-konfront tieghu. Zied jaggungi illi l-attur qatt ma werieh li kellu suspett f'xi hadd partikolari. Ara deposizzjoni tax-xhud a fol. 25;

(3) Minn naha tieghu l-konvenut il-Perit Michael Falzon (fol. 28) jghid li ghalih l-e-mail kienet innokwa u r-reazzjoni ghaliha mill-attur sproporzjonata, u kien ghalhekk li hassu inkwetat bil-mod kif l-attur ghamel rapport lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jinvestiga s-sors ta' l-e-mail. Dejjem skond il-konvenut il-mod kif l-attur esprima ruhu fic-Centru Laburista tar-Rabat hu deherlu li kien hemm certa familjarita bejnu u l-Kummissarju tal-Pulizija, ghaliex kieku cittadin ordinarju li jircievi ittra anomina kien jirrapporta l-Ghassa tal-Pulizija u mhux jirrikorri ghand il-Kummissarju. Zied jaggungi illi ghalih kienet domanda naturali li jistaqsi jekk l-attur uzax lill-Pulizija ghall-iskop tal-kwestjonijiet interni fi hdan il-Partit Laburista. Kontro-ezaminat, hu baqa' jinsisti li kien hemm influwenza ta' l-attur fuq il-Kummissarju tal-Pulizija;

4. Il-konvenut l-iehor Saviour Balzan (fol. 78) ukoll tenna illi fl-opinjoni tieghu minn diskors l-attur f'dik il-laqgha fic-Centru Laburista dan kien ghamel pressjoni fuq il-Kummissarju biex jinvestiga, meta ltaqa' mieghu biex jiddiskuti l-e-mails u l-ittri anonimi;

5. Minn naha tieghu x-xhud Karl Stagno Navarra (fol. 81), ghal mistoqsija in kontro-ezami jekk l-attur ghamelx xi pressjoni fuq il-Kummissarju tal-Pulizija, wiegeb illi hu jaf li sar rapport fuq l-e-mail u li fil-gurnata tal-pubblikazzjoni l-attur stess kien qal li kien qed jawtorizza lill-Kummissarju biex jipprocedi kontra min jirrizulta li ghandu jipprocedi;

Il-Qorti hasset il-htiega li taghmel riferenza ampja ghall-provi, mhux biss u sempliciment biex tissodisfa lill-appellanti illi dak li ma ghamletx l-ewwel Qorti ghamlitu hi, izda wkoll biex, permezz tar-riferenza ghall-kwadru shih li ppreceda u akkompanja l-pubblikazzjoni ta' l-artikolu, il-Qorti tara sa liema punt, u liema latitudni ghandha tigi koncessa lill-artikolist biex ma jkunx ritenut li bil-kliem u l-

espressjonijiet minnu wzati ma skonfinawx mill-kamp tal-*fair comment* jew tal-kritika gusta ghal gol-kamp ta' l-ingurja libelluza;

Bla dubju in linea ta' massima generali hadd ma jista' jinkolpa lill-artikolist kieku, una volta jirrapporta korrettement ic-cirkostanzi ta' fatt, jikkummenta u jikkritika, anke jekk bi kliem vivaci jew aspru, l-agir tal-persuna kkritikata. Dan ghaliex hu ben rikonoxxut illi d-dritt tal-kumment jew tal-kritika hu ritenut legittimu, ukoll fejn il-kliem ikunu horox u pungenti; jew ukoll, insultanti, fejn ikun determinat illi l-kumment jew il-kritika huma koerenti ghall-fatti u ghall-gudizzju espress. Wisq logikament, ghandu dejjem ikun hemm proporzjon bejn ton, anke pungenti, ta' dawk il-kliem u l-iskop informatur in kwantu "*la funzione della critica possiede un limite di non ritorno, eccedendo il quale, mediante deviazione dallo scopo informativo, formativo e di controllo per cui è riconosciuto, oppure attraverso una prova inguriosa e libellistica, non viene più avvertita dai conosciuti come attivita` costruttiva di valore sociale, bensi come aggressione da censurare moralmente e penalmente*" (**Qorti tal-Kassazzjoni Taljana, 6 ta' Frar, 1986**, **Tribunal ta' Perugia, 26 ta' Marzu, 1990** u, kwantu ghal kazistika lokali s-sentenza approfondita fl-ismijiet "**Il-Pulizija -vs- Joseph Micallef Stafrace**", Appell Kriminali, 8 ta' Jannar 1959). Hu forsi wkoll spedjenti in materja ta' kritika r-referenza ghad-decizonijiet ta' din il-Qorti kif presjeduta in re: "**Onor. John Dalli -vs- Frans Ghirxi**", 2 ta' Ottubru, 2009 u "**Carmel Spiteri -vs- Daphne Caruana Galizia**", 20 ta' Novembru, 2009;

Affermdat dan, fil-kaz taht konsiderazzjoni, ghall-qarrej ordinarju l-kumment jew kritika tal-konvenut artikolist ma jistax fic-cirkostanzi jitqies obbjettivament ragonevoli, bona fide u temprat in kwantu hu assuma certu fatt – dak ta' l-uzu tal-perswazjoni jew tal-pressjoni mill-attur, *qua* Deputat Mexxej ta' Partit fuq il-Kummissarju tal-Pulizija ghal fini li jikkontrolla "*people's freedoms*" – ghal kollox gratuwitu, u in konnessjoni mieghu ghamel attakk kontra l-

attur li, fil-fehma tal-Qorti, jeccedi l-limiti tal-kumment gust jew tal-kritika lecita. Hadd certament ma jista' jinnega illi cittadin, hu min hu, destinatarju ta' e-mails jew ta' ittri anonimi jirrikorri ghand il-Pulizija, sija jekk dan kienx l-Ispettur Distrettwali jew il-Kummissarju nnifsu, ghat-tutela tal-jeddijiet u tal-harsien personali tieghu. Il-fatt li l-attur inzerta li hu wkoll cittadin f'kariga politika u pubblika ma kellux ghal daqshekk jigi addebitat li uza pressjoni jew influwenza zejda meta tali addebitu ma jsib l-ebda riskontru mill-fatti. Fl-isfond ta' l-artikolu kull assunzjoni soggettiva ta' l-artikolist ta' fatt mhux ipprovat ma tistax tirciev l-beneficcju tal-kumment gust. Wisq sewwa nghad, anke jekk f'gurisprudenza mghoddija, illi "ma jistax jinghad aprioristikament li skritt mhux libelluz in kwantu s-soggett attakkat fiha huwa persuna politika, il-ghaliex kieku kellha tigi ammessa din it-tezi kien ikollna naslu ghall-assurd li kwalunkwe persuna politika tista' tkun akkuzata minn skribakkju kwalunkwe impunement u invarjabilment" ("**Avv. Dr. Enrico Mizzi -vs- Emmanuele Cossai** ***et***", Appell Civili, 21 ta' Marzu, 1949). Dan il-principju jsib rikonferma fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali tal-10 ta' Ottubru, 1953 fil-kawza "**Il-Pulizija -vs- Nestu Laiviera**", fejn, apparti li gie rilevat li min ikun fil-politika m'ghandux ikun "*thin skinned*", dan ma jista' qatt ifisser li min ikun fil-politika ghandu jigi malafamat impunement;

Jekk hemm bzonn jigi, *ex abundantia,* ripetut, ukoll fiz-zmenijiet storici tal-lum fejn il-manifestazzjoni ta' l-espressjoni hielsa tifforma principju konsolidat li jippremeggja fuq drittijiet ohra, xorta wahda l-ezercizzju ta' din l-istess espressjoni libera hi mistennija li ssir entro l-limiti gusti ta' dak il-kanoni tal-verita oggettiva tal-fatti u tal-kontinenza, kif elaborata mid-dottrina u mill-gurisprudenza l-aktar progressiva f'tema ta' kronaka u ta' l-ezercizzju tal-kritika;

F'din l-ottika t-talba da parte tal-konvenuti appellanti ghar-revoka tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ma timmeritax li tigi minn din il-Qorti ezawdita. Gjaladarba l-appellanti

ma talbu ebda temperament fil-likwidazzjoni tal-kumpens dan ma jistax hlief jibqa' invarjat.

Ghal motivi kollha predetti din il-Qorti qeghda tichad z-zewg appelli tal-konvenuti u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' din l-istanza jitbatew fi kwoti ndaqs bejn l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------